# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1004

## tas-7 ta' Ġunju 2019

## li tistabbilixxi regoli għall-kalkolu, għall-verifika u għar-rapportar tad-*data* dwar l-iskart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2012) 2384

*(notifika bid-dokument C(2019) 4114)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 11a(9) u 37(7) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2008/98/KE tipprovdi regoli ġenerali tal-kalkolu biex jiġi vverifikat jekk intlaħqux il-miri tal-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali għall-2025, għall-2030 u għall-2035 stabbiliti fil-punti (c), (d) u (e) tal-Artikolu 11(2) u fl-Artikolu 11(3) ta' dik id-Direttiva.

(2) Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 11a tad-Direttiva 2008/98/KE jispeċifikaw li, fir-rigward tar-riċiklaġġ, l-iskart li jidħol fl-operazzjoni tar-riċiklaġġ jew l-iskart li jkun laħaq it-tmiem tal-istatus ta' skart irid jintuża għall-kalkolu tal-miri għall-2025, għall-2030 u għall-2035. Bħala regola ġenerali, l-iskart irriċiklat irid jitkejjel fil-punt fejn l-iskart jidħol fl-operazzjoni tar-riċiklaġġ. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jużaw deroga u jkejlu l-iskart muniċipali fl-output ta' operazzjoni ta' separazzjoni, bil-kundizzjoni li jitnaqqas it-telf ulterjuri minħabba trattament qabel l-operazzjoni tar-riċiklaġġ u li l-iskart tal-output jiġi rriċiklat realment.

(3) L-iskart muniċipali li jidħol fl-operazzjoni tar-riċiklaġġ xorta jista' jkun fih ċertu ammont ta' materjali tal-iskart li ma jkunux fil-mira tal-ipproċessar mill-ġdid sussegwenti iżda li ma setgħux jitneħħew bi sforzi raġonevoli mill-operazzjonijiet preliminari qabel l-operazzjoni tar-riċiklaġġ. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jiġux meħtieġa li jnaqqsu tali materjali mhux fil-mira għall-finijiet tal-kalkolu tal-iskart muniċipali rriċiklat, bil-kundizzjoni li l-materjali jkunu tollerati fl-operazzjoni tar-riċiklaġġ u ma jfixklux ir-riċiklaġġ ta' kwalità għolja.

(4) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-kalkolu mill-Istati Membri kollha, huwa wkoll meħtieġ li, għall-aktar tipi ta' skart u ta' proċessi tar-riċiklaġġ komuni, jiġi stabbilit liema materjali tal-iskart jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kalkolu skont il-punt (c) tal-Artikolu 11a(1) tad-Direttiva 2008/98/KE (il-punti tal-kalkolu) u f'liema stadju tat-trattament tal-iskart jenħtieġ li jitkejlu skont l-Artikolu 11a(2) ta' dik id-Direttiva (il-punti tal-kejl).

(5) Sabiex jiġi żgurat li d-*data* li trid tiġi rrapportata dwar ir-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali tkun paragunabbli, jenħtieġ li l-punti tal-kalkolu stabbiliti għall-aktar tipi ta' skart u ta' proċessi tar-riċiklaġġ komuni japplikaw ukoll għall-iskart li ma jkunx għadu skart bħala riżultat ta' operazzjoni preparatorja qabel ma jiġi pproċessat mill-ġdid.

(6) Sabiex tiġi żgurata l-paragunabbiltà tad-*data* dwar ir-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali rrapportata mill-faċilitajiet tal-iskart fi Stati Membri differenti, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli aktar dettaljati dwar kif jenħtieġ li jitqiesu l-ammonti ta' skart isseparat għall-kalkolu tal-input fl-operazzjoni tar-riċiklaġġ, u kif jenħtieġ li jiġu kkalkolati l-ammonti ta' skart muniċipali rriċiklat f'każijiet fejn it-trattament tal-iskart jirriżulta mhux biss f'materjali rriċiklati, iżda wkoll fi fjuwils jew f'mezzi oħra għall-ġenerazzjoni tal-enerġija jew f'materjali ta' radam mill-ġdid.

(7) Fir-rigward tal-kalkolu tal-bijoskart isseparat u rriċiklat fis-sors, il-kejl reali tal-input jew tal-output tal-operazzjoni tar-riċiklaġġ mhux dejjem ikun fattibbli peress li dan l-iskart normalment jiġi ġestit mill-unitajiet domestiċi individwali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit approċċ komuni sod li jiżgura livell għoli ta' affidabbiltà tad-*data* rrapportata.

([1]) ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

(8) Fir-rigward tal-metalli rriċiklati sseparati wara l-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija ta' kalkolu li tistabbilixxi l-kontenut ta' metall tal-materjali tal-iskart li jiġu sseparati mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni, sabiex jiġi żgurat li jitqiesu l-metalli rriċiklati biss. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata r-rilevanza tad-*data*, jenħtieġ li jitqiesu biss il-metalli li joriġinaw mill-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali.

(9) Id-*data* dwar il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali li trid tiġi rrapportata skont l-Artikolu 11a tad-Direttiva 2008/98/KE trid tkun sostnuta minn sistema effettiva ta' kontroll tal-kwalità u ta' traċċabbiltà tal-flussi tal-materjali tal-iskart. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu miżuri sabiex jiżguraw affidabbiltà u akkuratezza għolja tad-*data* miġbura, b'mod partikolari billi jiġbru d-*data* direttament mill-operaturi ekonomiċi u jużaw dejjem aktar ir-reġistri elettroniċi għar-reġistrazzjoni tad-*data* dwar l-iskart.

(10) L-Istati Membri jridu jirrapportaw id-*data* dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 11(2) u tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2008/98/KE għal kull sena kalendarja lill-Kummissjoni. Iridu wkoll jippreżentawlha rapport ta' verifika tal-kwalità fil-format għar-rapportar stabbilit mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dak il-format jiżgura li l-informazzjoni rrapportata tipprovdi bażi suffiċjenti għall-verifika u għall-monitoraġġ tal-kisba tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 11(2) u fl-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2008/98/KE.

(11) Fir-rigward tal-mira stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/98/KE, l-Istati Membri jridu japplikaw ir-regoli tal-kalkolu stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/753/UE ([2]). Ir-regoli tal-kalkolu għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali stabbiliti fl-Artikolu 11a tad-Direttiva 2008/98/KE u f'din id-Deċiżjoni huma konsistenti ma' dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/753/UE. Għalhekk, sabiex jiġi evitat rapportar doppju, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jużaw il-format ta' rapportar stabbilit għar-rapportar tad-data dwar il-miri stabbiliti fil-punti (c) sa (e) tal-Artikolu 11(2) u fl-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2008/98/KE biex jirrapportaw id-data dwar il-mira stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 11(2) ta' dik id-Direttiva.

(12) L-Istati Membri jridu jirrapportaw id-*data* dwar il-lubrikazzjoni minerali u sintetika, żjut industrijali u żjut għar-rimi skont l-Artikolu 37(4) tad-Direttiva 2008/98/KE għal kull sena kalendarja fil-format stabbilit mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dak il-format jiżgura li d-*data* rrapportata tipprovdi bażi suffiċjenti għall-valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-adozzjoni ta' miżuri għat-trattament taż-żjut għar-rimi, inkluż miri kwantitattivi dwar ir-riġenerazzjoni taż-żjut għar-rimi u kwalunkwe miżura oħra li tippromwovi r-riġenerazzjoni taż-żjut għar-rimi, skont l-Artikolu 21(4) tad-Direttiva 2008/98/KE.

(13) Għall-finijiet tar-rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/98/KE li tistabbilixxi miri għall-iskart tal-unitajiet domestiċi u għal skart simili, u għall-iskart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni, l-Istati Membri jridu jużaw il-formati stabbiliti skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2012) 2384 ([3]). Id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li jirrikjedu li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti triennwali dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/98/KE ma għadhomx jgħoddu. Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2012) 2384 titħassar u tiġi sostitwita bid-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, li jirriflettu l-bidliet fir-rekwiżiti tar-rapportar introdotti fid-Direttiva 2008/98/KE permezz tad-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità, jenħtieġ li jiġu adottati dispożizzjonijiet tranżizzjonali fir-rigward tad-data ta' skadenza għar-rapportar tad-*data* dwar l-implimentazzjoni tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11(2) għas-snin ta' referenza mill-2016 sal-2019.

(14) Ir-regoli għall-kalkolu, għall-verifika u għar-rapportar tad-*data* dwar l-implimentazzjoni tal-punti (c) sa (e) tal-Artikolu 11(2) u tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2008/98/KE huma marbuta mill-qrib mar-regoli li jistabbilixxu l-formati għar-rapportar ta' dik id-*data* u tad-*data* dwar l-implimentazzjoni tal-punt (a) tal-Artikolu 11(2) ta' dik id-Direttiva. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawk ir-regoli u jiġi ffaċilitat l-aċċess għalihom, jenħtieġ li ż-żewġ settijiet ta' regoli jiġu stabbiliti f'Deċiżjoni waħda. Barra minn hekk, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-formati uniformi għar-rapportar ta' *data* oħra dwar l-iskart skont id-Direttiva 2008/98/KE, b'mod partikolari d-*data* dwar l-iskart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni u dwar il-lubrikazzjoni minerali u sintetika, iż-żjut industrijali u ż-żjut għar-rimi, jenħtieġ li dawk il-formati jiġu inklużi wkoll f'din id-Deċiżjoni. Il-metodoloġija biex jiġu stabbiliti r-rati medji ta' telf għall-materjali tal-iskart li jkunu tneħħew mill-iskart isseparat permezz ta' trattament preliminari ulterjuri qabel ir-riċiklaġġ se tkun soġġetta għal Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni separata.

(15) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE,

---

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/753/UE tat-18 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi regoli u metodi ta' kalkolu biex tkun ivverifikata l-konformità mal-miri stipulati fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 310, 25.11.2011, p. 11).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 li tistabbilixxi kwestjonarju għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart (C(2012) 2384 final).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 109).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ammont" tfisser massa mkejla f'tunnellati;

(b) "materjali fil-mira" tfisser il-materjali tal-iskart muniċipali li jiġu pproċessati mill-ġdid f'operazzjoni tar-riċiklaġġ speċifika fi prodotti, f'materjali jew f'sustanzi li mhumiex skart;

(c) "materjali mhux fil-mira" tfisser il-materjali tal-iskart muniċipali li ma jiġux pproċessati mill-ġdid f'operazzjoni tar-riċiklaġġ speċifika fi prodotti, f'materjali jew f'sustanzi li mhumiex skart;

(d) "trattament preliminari" tfisser kwalunkwe operazzjoni ta' trattament li jgħaddu minnha l-materjali tal-iskart muniċipali qabel ma jgħaddu għall-operazzjoni tar-riċiklaġġ li fiha dawn il-materjali jiġu pproċessati mill-ġdid fi prodotti, f'materjali jew f'sustanzi li mhumiex skart. Dan jinkludi l-verifika, s-separazzjoni u operazzjonijiet preparatorji oħra għat-tneħħija tal-materjali mhux fil-mira u għall-iżgurar ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja;

(e) "punt tal-kalkolu" tfisser il-punt meta l-materjali tal-iskart muniċipali jidħlu fl-operazzjoni tar-riċiklaġġ fejn l-iskart jiġi pproċessat mill-ġdid fi prodotti, f'materjali jew f'sustanzi li mhumiex skart, jew il-punt meta l-materjali tal-iskart jieqfu jkunu skart bħala riżultat ta' operazzjoni preparatorja qabel ma jiġu pproċessati mill-ġdid;

(f) "punt tal-kejl" tfisser il-punt meta titkejjel il-massa tal-materjali tal-iskart bil-ħsieb li jiġi ddeterminat l-ammont ta' skart fil-punt tal-kalkolu;

(g) "bijoskart muniċipali li jiġi sseparat u rriċiklat fis-sors" tfisser il-bijoskart muniċipali li jiġi rriċiklat fil-post fejn jiġi prodott mill-persuni li jipproduċuh.

*Artikolu 2*

**Kalkolu tal-iskart muniċipali li jiġi ppreparat għall-użu mill-ġdid skont l-Artikolu 11a(1) tad-Direttiva 2008/98/KE**

L-ammont ta' skart muniċipali ppreparat għall-użu mill-ġdid għandu jinkludi biss il-prodotti jew il-komponenti ta' prodotti li, wara l-operazzjonijiet ta' verifika, ta' tindif jew ta' tiswija, jistgħu jintużaw mill-ġdid mingħajr aktar separazzjoni jew ipproċessar preliminari. Il-partijiet ta' dawk il-prodotti jew ta' dawk il-komponenti ta' prodotti li jkunu tneħħew matul l-operazzjonijiet ta' tiswija jistgħu jiġu inklużi fl-ammont ta' skart muniċipali ppreparat għall-użu mill-ġdid.

*Artikolu 3*

**Kalkolu tal-iskart muniċipali rriċiklat skont l-Artikolu 11a(1), l-Artikolu 11a(2) u l-Artikolu 11a(5) tad-Direttiva 2008/98/KE**

1. L-ammont ta' skart muniċipali rriċiklat għandu jkun l-ammont ta' skart muniċipali fil-punt tal-kalkolu. L-ammont ta' skart muniċipali li jidħol fl-operazzjoni tar-riċiklaġġ għandu jinkludi l-materjali fil-mira. Jista' jinkludi materjali mhux fil-mira biss sal-punt li l-preżenza tagħhom tkun permissibbli għall-operazzjoni tar-riċiklaġġ speċifika.

2. Il-punti tal-kalkolu applikabbli għal ċerti materjali tal-iskart muniċipali u għal ċerti operazzjonijiet tar-riċiklaġġ huma speċifikati fl-Anness I.

3. Meta l-materjali tal-iskart muniċipali jieqfu jkunu skart fil-punti tal-kalkolu speċifikati fl-Anness I, l-ammont ta' dawk il-materjali għandu jiġu inkluż fl-ammont ta' skart muniċipali rriċiklat.

4. Meta l-punt tal-kejl ikun relatat mal-output ta' faċilità li tibgħat l-iskart muniċipali għar-riċiklaġġ mingħajr trattament preliminari ulterjuri, jew mal-input ta' faċilità fejn l-iskart muniċipali jidħol fl-operazzjoni tar-riċiklaġġ mingħajr trattament preliminari ulterjuri, l-ammont ta' skart muniċipali sseparat li jiġi rrifjutat mill-faċilità tar-riċiklaġġ ma għandux jiġi inkluż fl-ammont ta' skart muniċipali rriċiklat.

5. Meta faċilità twettaq trattament preliminari qabel il-punt tal-kalkolu f'dik il-faċilità, l-iskart imneħħi matul it-trattament preliminari ma għandux jiġi inkluż fl-ammont ta' skart muniċipali rriċiklat li jiġi rrapportat minn dik il-faċilità.

6. Meta l-iskart muniċipali ġġenerat minn Stat Membru speċifiku jkun tħallat ma' skart ieħor jew ma' skart minn pajjiż ieħor qabel il-punt tal-kejl jew il-punt tal-kalkolu, il-proporzjon ta' skart muniċipali li joriġina minn Stat Membru speċifiku għandu jiġi identifikat bl-użu ta' metodi xierqa, bħal pereżempju reġistri elettroniċi u stħarriġ kampjunarju. Meta skart bħal dan isirulu trattamenti preliminari ulterjuri, l-ammont ta' materjali mhux fil-mira mneħħija minn dak it-trattament għandu jitnaqqas filwaqt li jitqies il-proporzjon u, fejn xieraq, titqies il-kwalità tal-materjali tal-iskart li jkunu ġejjin mill-iskart muniċipali li joriġina minn Stat Membru speċifiku.

7. Meta l-materjali tal-iskart muniċipali jidħlu f'operazzjonijiet ta' rkupru fejn dawk il-materjali jintużaw prinċipalment bħala fjuwil jew mezz ieħor għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-output ta' tali operazzjonijiet li huwa soġġett għall-irkupru tal-materjali, bħal pereżempju il-frazzjoni minerali tal-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni jew il-gagazza li tirriżulta mill-koinċinerazzjoni, ma għandux jiġi inkluż fl-ammont ta' skart muniċipali irriċiklat, bl-eċċezzjoni tal-metalli sseparati u rriċiklati wara l-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali. Il-metalli inkorporati fl-output minerali tal-proċess ta' koinċinerazzjoni tal-iskart muniċipali ma għandhomx jiġu rrapportati bħala rriċiklati.

8. Meta l-materjali tal-iskart muniċipali jidħlu f'operazzjonijiet ta' rkupru fejn dawk il-materjali ma jintużawx prinċipalment bħala fjuwil jew mezz ieħor għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, jew għall-irkupru tal-materjali, iżda jirriżultaw f'output li jinkludi materjali rriċiklati, fjuwils jew materjali ta' radam mill-ġdid f'proporzjonijiet sinifikanti, l-ammont ta' skart irriċiklat għandu jiġi ddeterminat permezz ta' approċċ ta' bilanċ tal-massa li jirriżulta fil-kunsiderazzjoni tal-materjali tal-iskart li huma soġġetti għar-riċiklaġġ biss.

*Artikolu 4*

**Kalkolu tal-bijoskart muniċipali rriċiklat skont l-Artikolu 11a(4) tad-Direttiva 2008/98/KE**

1. L-ammont ta' bijoskart muniċipali rriċiklat li jidħol fit-trattament aerobiku jew anaerobiku għandu jinkludi biss il-materjali li realment issirilhom diġestjoni aerobika jew anaerobika u għandu jeskludi l-materjali kollha, inkluż il-materjali bijodegradabbli, li jitneħħew mekkanikament waqt jew wara l-operazzjoni tar-riċiklaġġ.

2. Mill-1 ta' Jannar 2027, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-bijoskart muniċipali bħala rriċiklat biss jekk ikun:

(a) inġabar separatament mis-sors;

(b) inġabar flimkien mal-iskart b'karatteristiki simili ta' bijodegradibbiltà u ta' kompostabbiltà, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2008/98/KE; jew

(c) isseparat u rriċiklat fis-sors.

3. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-metodoloġija stabbilita fl-Anness II għall-kalkolu tal-ammont ta' bijoskart muniċipali sseparat u rriċiklat fis-sors.

4. L-ammont ta' bijoskart muniċipali sseparat u rriċiklat fis-sors iddeterminat skont il-paragrafu 3 għandu jiġi inkluż kemm fl-ammont ta' skart muniċipali rriċiklat kif ukoll fl-ammont totali ta' skart muniċipali ġġenerat.

*Artikolu 5*

**Kalkolu tal-metalli rriċiklati sseparati wara l-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali skont l-Artikolu 11a(6) tad-Direttiva 2008/98/KE**

1. L-ammont ta' metalli rriċiklati sseparati mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni għandu jinkludi biss il-metalli li jinsabu fil-konċentrat tal-metall li jiġi sseparat mill-irmied grezz tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni li joriġina mill-iskart muniċipali, u ma għandux jinkludi materjali oħra li jinsabu fil-konċentrat tal-metall.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-metodoloġija stabbilita fl-Anness III għall-kalkolu tal-ammont ta' metalli rriċiklati li jkunu sseparati mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni li joriġina mill-iskart muniċipali.

*Artikolu 6*

**Ġbir tad-data**

1. L-Istati Membri għandhom jiksbu d-*data* direttament mill-istabbilimenti jew mill-impriżi li qed jiġġestixxu l-iskart, kif xieraq.

2. L-Istati Membri għandhom iqisu l-użu tar-reġistri elettroniċi biex jirreġistraw id-*data* dwar l-iskart muniċipali.

3. Meta l-ġbir tad-*data* jkun ibbażat fuq l-istħarriġ, dak l-istħarriġ għandu jissodisfa r-rekwiżiti minimi li ġejjin:

(a) l-istħarriġ għandu jitwettaq f'intervalli regolari u speċifikati, u għandu jissodisfa b'mod adegwat il-varjazzjoni fid-*data* li trid tiġi mistħarrġa;

(b) l-istħarriġ għandu jkun ibbażat fuq kampjun rappreżentattiv tal-popolazzjoni li għalih jiġu applikati r-riżultati tal-istħarriġ.

*Artikolu 7*

**Rapportar tad-data**

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* u jippreżentaw ir-rapport tal-verifika tal-kwalità dwar l-implimentazzjoni tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/98/KE fil-format stabbilit fl-Anness IV.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-punt (a) tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/98/KE, l-Istati Membri li jirrapportaw id-*data* u jippreżentaw ir-rapport tal-verifika tal-kwalità fil-format stabbilit fl-Anness V għandhom jitqiesu li jikkonformaw mal-ewwel subparagrafu.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* u jippreżentaw ir-rapport tal-verifika tal-kwalità dwar l-implimentazzjoni tal-punti (c) sa (e) tal-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2008/98/KE fil-format stabbilit fl-Anness V.

3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* u jippreżentaw ir-rapport ta' verifika tal-kwalità dwar il-lubrikazzjoni minerali u sintetika jew iż-żjut industrijali mqiegħda fis-suq u dwar iż-żjut għar-rimi miġbura u ttrattati separatament fil-format stabbilit fl-Anness VI.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-*data* rrapportata mill-Istati Membri sakemm fir-rigward tal-informazzjoni inkluża fir-rapporti ta' verifika tal-kwalità Stat Membru ma jkunx ipprovda rikjesta ġustifikata biex ma tiġix ippubblikata ċerta *data*.

*Artikolu 8*

**Tħassir**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2012) 2384 titħassar. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għall-Artikolu 7(1) ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 9*

**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw id-*data* dwar l-implimentazzjoni tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/98/KE għas-sena ta' referenza 2016 u, fejn applikabbli, għas-sena ta' referenza 2017 sat-30 ta' Settembru 2019 lill-Kummissjoni. Id-*data* għas-sena ta' referenza 2018 u, fejn applikabbli, għas-sena ta' referenza 2019 għandha tiġi ppreżentata fi żmien 18-il xahar minn tmiem kull sena ta' referenza rispettivament. Id-*data* msemmija f'dak l-Artikolu għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni permezz tal-istandard ta' bidla msemmi fl-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni 2011/753/UE.

*Artikolu 10*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2019.

*Għall-Kummissjoni*

Karmenu VELLA

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**PUNTI TAL-KALKOLU MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 3(2)**

| Materjal | Punt tal-Kalkolu |
|---|---|
| Ħġieġ | Il-ħġieġ isseparat li ma jgħaddix minn ipproċessar ulterjuri qabel ma jidħol ġo forn tal-ħġieġ jew qabel il-produzzjoni ta' mezzi ta' filtrazzjoni, materjali li joborxu, iżolant ibbażat fuq il-ħġieġ u materjali tal-kostruzzjoni. |
| Metalli | Il-metall isseparat li ma jgħaddix minn ipproċessar ulterjuri qabel ma jidħol ġo funderija jew forn tal-metall. |
| Karta/kartun | Il-karta sseparata li ma tgħaddix minn ipproċessar ulterjuri qabel ma tidħol f'operazzjoni ta' sfibratura. |
| Plastik | Il-plastik isseparat skont il-polimeri li ma jgħaddix minn ipproċessar ulterjuri qabel ma jidħol f'operazzjonijiet ta' pelitizzazzjoni, estrużjoni jew iffurmar.<br>Il-fjokki tal-plastik li ma jgħaddux minn ipproċessar ulterjuri qabel l-użu tagħhom fi prodott finali. |
| Injam | L-injam isseparat li ma jgħaddix minn trattament ulterjuri qabel l-użu fil-manifattura ta' bords tal-partikuli.<br>Injam isseparat li jidħol f'operazzjoni ta' kompostjar. |
| Tessuti | It-tessuti sseparati li ma jgħaddux minn ipproċessar ulterjuri qabel l-użu tagħhom għall-produzzjoni ta' fibri tessili, ċraret jew granulati. |
| Oġġetti tal-iskart magħmulin minn diversi materjali | Plastik, ħġieġ, metall, injam, tessut, karta u kartun u materjali ta' komponenti individwali oħrajn li jirriżultaw mit-trattament tal-oġġetti tal-iskart magħmulin minn diversi materjali li ma jgħaddux minn ipproċessar ulterjuri qabel ma jilħqu l-punt tal-kalkolu stabbilit għall-materjal speċifiku skont dan l-Anness jew skont l-Artikolu 11a tad-Direttiva 2008/98/KE u l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni. |
| Skart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku (WEEE) | WEEE li jidħol f'faċilità ta' riċiklaġġ wara t-trattament xieraq u t-tlestija tal-attivitajiet preliminari skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1). |
| Batteriji | Il-frazzjonijiet tal-input li jidħlu fil-proċess tar-riċiklaġġ tal-batteriji skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 493/2012 (2). |

(1) Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 493/2012 tal-11 ta' Ġunju 2012 li jistipula, skont id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, regoli dettaljati dwar il-kalkolu tal-effiċjenzi tar-riċiklaġġ tal-proċessi ta' riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji u ta' akkumulaturi (ĠU L 151, 12.6.2012, p. 9).

*ANNESS II*

**METODOLOĠIJA GĦALL-KALKOLU TAL-BIJOSKART MUNIĊIPALI SSEPARAT U RRIĊIKLAT FIS-SORS IMSEMMI FL-ARTIKOLU 4(3)**

1. L-ammont ta' bijoskart muniċipali sseparat u rriċiklat fis-sors għandu jiġi kkalkolat bl-użu tal-formula li ġejja:

$$m_{MBWRS} = \Sigma\, n_{ARUi} \times (m_{Fi} + m_{Gi})$$

fejn:

$m_{MBWRS}$ tfisser il-massa ta' bijoskart muniċipali sseparat u rriċiklat fis-sors;

$n_{ARUi}$ tfisser in-numru ta' unitajiet tar-riċiklaġġ attivi għar-riċiklaġġ tal-bijoskart muniċipali fis-sors fis-subkampjun *i*;

$m_{Fi}$ tfisser il-massa ta' bijoskart muniċipali tal-ikel u tal-kċina rriċiklat fis-sors għal kull unità tar-riċiklaġġ attiva fis-subkampjun *i*; u

$m_{Gi}$ tfisser il-massa ta' bijoskart muniċipali tal-ġonna u tal-parks irriċiklat fis-sors għal kull unità tar-riċiklaġġ attiva fis-subkampjun *i*.

2. In-numru ta' unitajiet tar-riċiklaġġ attivi għar-riċiklaġġ tal-bijoskart muniċipali fis-sors għandu jinkludi biss dawk l-unitajiet tar-riċiklaġġ li jintużaw mill-produtturi tal-iskart. Dak in-numru għandu jittieħed mir-reġistri ta' tali unitajiet jew għandu jinkiseb permezz ta' stħarriġ tal-unitajiet domestiċi.

3. L-ammont ta' bijoskart muniċipali li jiġi rriċiklat fis-sors għal kull unità tar-riċiklaġġ attiva għandu jiġi ddeterminat permezz tal-kejl dirett jew indirett tal-bijoskart li jidħol fl-unitajiet tar-riċiklaġġ attivi kif speċifikat fil-punti 4 u 5.

4. Il-kejl dirett jeħtieġ il-kejl tal-input fl-unità tar-riċiklaġġ attiva jew l-output tagħha bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-kejl għandu jitwettaq, fejn ikun fattibbli, mill-awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom;

   (b) meta l-kejl jitwettaq mill-produtturi tal-iskart infushom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammonti rrapportati jkunu soġġetti għal verifiki tal-plawżibbiltà u li jiġu aġġustati biex l-ammont tal-bijoskart isseparat u rriċiklat fis-sors għal kull persuna fl-ebda każ ma jaqbeż l-ammont medju *per capita* ta' bijoskart muniċipali miġbur mill-operaturi tal-iskart fil-livelli nazzjonali, reġjonali jew lokali;

   (c) meta jitkejjel l-output ta' unità tar-riċiklaġġ attiva, għandu jiġi applikat koeffiċjent affidabbli sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tal-input.

5. Il-kejl indirett jeħtieġ il-kejl tal-ammonti li ġejjin permezz ta' stħarriġ tal-kompożizzjoni tal-iskart muniċipali miġbur, li jqis il-bijoskart muniċipali miġbur separatament u l-bijoskart muniċipali mhux miġbur separatament:

   (a) l-ammont ta' bijoskart li jinsab fl-iskart muniċipali miġbur li jiġi ġġenerat mill-unitajiet domestiċi jew f'żoni fejn l-iskart jiġi sseparat u rriċiklat fis-sors;

   (b) l-ammont ta' bijoskart li jinsab fl-iskart muniċipali miġbur li jiġi ġġenerat mill-unitajiet domestiċi jew f'żoni b'karatteristiki li huma simili għall-karatteristiki tal-unitajiet domestiċi jew taż-żoni msemmijin fil-punt (a), fejn l-iskart ma jiġix isseparat u rriċiklat fis-sors.

   L-ammont ta' bijoskart li jiġi sseparat u rriċiklat fis-sors għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tad-differenza bejn l-ammonti speċifikati fil-punti (a) u (b).

6. Il-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-ammont tal-bijoskart muniċipali li jiġi sseparat u rriċiklat fis-sors għal kull unità tar-riċiklaġġ attiva skont il-punti 3 sa 5, b'mod partikolari l-metodi ta' kampjunar użati fl-istħarriġ biex tinġabar id-*data*, għandha tirrifletti minn tal-inqas il-fatturi li ġejjin:

   (a) id-daqs u t-tip tal-unitajiet domestiċi li jużaw unità tar-riċiklaġġ attiva fil-każ tal-iskart tal-ikel u tal-kċina;

   (b) id-daqs u l-ġestjoni tal-ġonna u tal-parks li jkollhom unità tar-riċiklaġġ attiva fil-każ tal-iskart tal-ġonna u tal-parks;

(c) is-sistema ta' ġbir disponibbli, b'mod partikolari l-użu kumplementari tas-servizzi tal-ġbir tal-iskart għall-bijoskart u għall-iskart muniċipali mħallat;

(d) il-livell u l-istaġjonalità tal-ġenerazzjoni tal-bijoskart muniċipali.

7. Meta s-sehem ta' bijoskart muniċipali sseparat u rriċiklat fis-sors fl-iskart muniċipali ġġenerat kollu jkun inqas minn 5 % fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jużaw metodoloġija simplifikata biex jikkalkolaw il-bijoskart muniċipali sseparat u rriċiklat fis-sors billi japplikaw il-formula li ġejja:

$$m_{MBWRS} = n_P \times m_{BWpp} \times q_{RS}$$

fejn:

$m_{MBWRS}$ tfisser il-massa ta' bijoskart muniċipali sseparat u rriċiklat fis-sors;

$n_P$ tfisser in-numru ta' persuni involuti fir-riċiklaġġ tal-bijoskart fis-sors;

$m_{BWpp}$ tfisser il-massa ta' bijoskart muniċipali ġġenerat *per capita*; u

$q_{RS}$ tfisser koeffiċjent li jirrappreżenta s-sehem ta' bijoskart muniċipali ġġenerat li x'aktarx jiġi sseparat u rriċiklat fis-sors fl-ammont totali ta' bijoskart muniċipali ġġenerat.

8. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-formula stabbilita fil-punt 7 l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) $m_{BWpp}$ hija kkalkolata fuq il-bażi ta' stħarriġ dwar il-kompożizzjoni tal-iskart muniċipali miġbur separatament u ta' dak imħallat fil-livelli nazzjonali, reġjonali jew lokali kif xieraq;

(b) $q_{RS}$ tiġi ddeterminata billi jitqiesu l-fatturi elenkati fil-punti (a) sa (d) tal-punt 6.

9. Il-formuli stabbiliti f'dan l-Anness jistgħu jiġu applikati għall-bijoskart muniċipali kollu sseparat u rriċiklat fis-sors jew għall-bijoskart muniċipali tal-ikel jew tal-kċina sseparat u rriċiklat fis-sors.

10. L-istħarriġ biex tinġabar id-*data* għall-finijiet li jiġu applikati l-formuli stabbiliti f'dan l-Anness għandu jitwettaq għall-ewwel sena ta' rapportar dwar il-bijoskart muniċipali sseparat u rriċiklat fis-sors u mbagħad mill-inqas kull ħames snin, u għal snin oħrajn kull fejn ikun hemm xi raġuni biex wieħed jistenna bidliet sinifikanti fl-ammont ta' bijoskart muniċipali sseparat u rriċiklat fis-sors.

L-Istati Membri jistgħu jaġġornaw l-ammont rrapportat ta' bijoskart muniċipali rriċiklat fis-sors għas-snin li għalihom id-*data* ma tinġabarx bl-użu ta' stimi xierqa.

11. L-istħarriġ biex tinġabar id-*data* għall-finijiet li jiġu applikati l-formuli stabbiliti f'dan l-Anness għandu jkun ibbażat fuq kampjuni rappreżentattivi u subkampjuni xierqa. Ir-riżultati ta' dak l-istħarriġ għandhom ikunu statistikament sinifikanti skont tekniki statistiċi aċċettati xjentifikament.

12. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-ammonti rrapportati ta' bijoskart muniċipali sseparat u rriċiklat fis-sors ma jkunux stmati b'mod eċċessiv.

*ANNESS III*

**METODOLOĠIJA GĦALL-KALKOLU TAL-METALLI RRIĊIKLATI SSEPARATI WARA L-INĊINERAZZJONI TAL-ISKART MUNIĊIPALI MSEMMI FL-ARTIKOLU 5(2)**

1. Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-formuli stabbiliti f'dan l-Anness:

| | |
|---|---|
| $m_{total\ IBA\ metals}$ | tfisser il-massa totali tal-metalli fl-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni f'sena speċifika; |
| $m_{IBA\ metal\ concentrates}$ | tfisser il-massa tal-konċentrati tal-metall isseparati mill-irmied grezz tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali f'sena speċifika; |
| $c_{IBA\ metals}$ | tfisser il-konċentrazzjoni tal-metalli fil-konċentrati tal-metall; |
| $m_{IBA\ metals}$ | tfisser il-massa tal-metalli fil-konċentrat tal-metall f'sena speċifika; |
| $m_{mhux\ metalliku}$ | tfisser il-massa tal-materjal mhux metalliku fil-konċentrat tal-metall f'sena speċifika; |
| $m_{MSW}$ | tfisser il-massa ta' skart muniċipali li jidħol f'operazzjoni ta' inċinerazzjoni f'sena speċifika; |
| $c_{metals\ MSW}$ | tfisser il-konċentrazzjoni tal-metalli fl-iskart muniċipali li jidħol f'operazzjoni ta' inċinerazzjoni; |
| $m_W$ | tfisser il-massa tal-iskart kollu li jidħol f'operazzjoni ta' inċinerazzjoni f'sena speċifika; |
| $c_{metals\ MSWI}$ | tfisser il-konċentrazzjoni tal-metalli fl-iskart kollu li jidħol f'operazzjoni ta' inċinerazzjoni; u |
| $m_{MSW\ IBA\ metals}$ | tfisser il-massa tal-metalli li joriġinaw mill-iskart muniċipali f'sena speċifika. |

2. Wara s-separazzjoni tal-konċentrat tal-metall mill-irmied grezz tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni, il-massa totali tal-metalli fl-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni f'sena speċifika għandha tiġi kkalkolata billi tiġi applikata l-formula li ġejja:

$$m_{total\ IBA\ metals} = \sum (m_{IBA\ metal\ concentrates} \times c_{IBA\ metals})$$

3. Id-*data* dwar il-massa tal-konċentrati tal-metall għandha tinkiseb mill-faċilitajiet li jisseparaw il-konċentrati tal-metall mill-irmied grezz tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni.

4. Il-konċentrazzjoni tal-metalli fil-konċentrati tal-metall għandha tiġi kkalkolata bl-użu tad-*data* miġbura permezz ta' stħarriġ regolari mill-faċilitajiet li jittrattaw il-konċentrati tal-metall u li jagħtu l-output tagħhom lill-faċilitajiet li jipproduċu prodotti tal-metall. Għandha ssir distinzjoni bejn il-metalli ferrużi, il-metalli mhux ferrużi u l-azzar inossidabbli. Għandha tiġi applikata l-formula li ġejja sabiex tiġi kkalkolata l-konċentrazzjoni tal-metalli fil-konċentrati tal-metall:

$$c_{IBA\ metals} = \frac{m_{IBA\ metals}}{m_{IBA\ metal\ concentrates}} = \frac{(m_{IBA\ metal\ concentrates} - m_{non\text{-}metallic})}{m_{IBA\ metal\ concentrates}}$$

5. Meta l-iskart muniċipali jiġi inċinerat flimkien ma' skart ieħor, il-konċentrazzjoni tal-metalli fl-iskart inċinerat minn diversi sorsi għandha tiġi ddeterminata permezz ta' stħarriġ kampjunarju tal-iskart li jidħol fl-operazzjoni ta' inċinerazzjoni. Dan l-istħarriġ għandu jitwettaq mill-inqas kull ħames snin u meta jkun hemm raġunijiet biex wieħed jistenna li l-kompożizzjoni tal-iskart tkun inbidlet b'mod sinifikanti. Il-massa tal-metalli li joriġinaw mill-iskart muniċipali għandha tiġi kkalkolata billi tiġi applikata l-formula li ġejja:

$$m_{MSW\ IBA\ metals} = \frac{m_{MSW} \times c_{metals\ MSW}}{m_W \times c_{metals\ MSWI}} \times m_{total\ IBA\ metals}$$

6. B'deroga mill-punt 5, meta s-sehem ta' skart muniċipali fl-iskart inċinerat kollu jkun ogħla minn 75 %, il-massa tal-metalli li joriġinaw mill-iskart muniċipali tista' tiġi kkalkolata billi tiġi applikata l-formula li ġejja:

$$m_{MSW\ IBA\ metals} = \frac{m_{MSW}}{m_W} \times m_{total\ IBA\ metals}$$

*ANNESS IV*

**DATA DWAR L-ISKART MILL-UNITAJIET DOMESTIĊI U SKART SIMILI MINN ORIĠINI OĦRA, U DATA DWAR L-ISKART TAL-KOSTRUZZJONI U TAD-DEMOLIZZJONI MSEMMI FL-ARTIKOLU 7(1)**

A. FORMAT GĦAR-RAPPORTAR TAD-*DATA* DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PUNT (A) TAL-ARTIKOLU 11(2) TAD-DIRETTIVA 2008/98/KE DWAR IL-PREPARAZZJONI GĦALL-UŻU MILL-ĠDID U R-RIĊIKLAĠĠ TAL-ISKART MILL-UNITAJIET DOMESTIĊI U TA' SKART SIMILI MINN ORIĠINI OĦRA

| Metodu tal-kalkolu ([1]) | Skart iġġenerat ([2])<br>(t) | Preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u riċiklaġġ ([3])<br>(t) |
|---|---|---|
| | | |

([1]) Metodu tal-kalkolu magħżul skont id-Deċiżjoni 2011/753/UE: in-numru tal-metodu tal-kalkolu magħżul (1 sa 4) bħal fit-tieni kolonna tal-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni għandu jiddaħħal hawn.
([2]) Skart mill-unitajiet domestiċi jew skart mill-unitajiet domestiċi u skart simili minn oriġini oħra kif meħtieġ mill-metodu tal-kalkolu magħżul.
([3]) Skart ippreparat għall-użu mill-ġdid u skart irriċiklat mill-unitajiet domestiċi jew skart mill-unitajiet domestiċi u skart simili minn oriġini oħra kif meħtieġ mill-metodu tal-kalkolu magħżul.

B. FORMAT GĦAR-RAPPORT TA' VERIFIKA TAL-KWALITÀ LI JAKKUMPANJA D-*DATA* MSEMMIJA FIL-PARTI A

## I. Objettiv tar-rapport

L-objettiv ta' dan ir-rapport huwa li tinġabar informazzjoni dwar il-metodu tal-ġbir tad-*data* u l-kopertura tad-*data* ppreżentata. Jenħtieġ li r-rapport jippermetti fehim aħjar tal-approċċi meħuda mill-Istati Membri kif ukoll tal-possibbiltajiet u l-limiti tal-paragunabbiltà tad-*data* bejn il-pajjiżi.

## II. Informazzjoni ġenerali

1. Stat Membru:

2. Organizzazzjoni li qed tippreżenta d-*data* u d-deskrizzjoni:

3. Persuna ta' kuntatt/dettalji ta' kuntatt:

4. Sena ta' referenza:

5. Data ta' konsenja/verżjoni:

## III. Informazzjoni dwar l-iskart mill-unitajiet domestiċi u skart simili minn oriġini oħra

1. Kif inhuma stabbiliti l-ammonti ta' skart iġġenerati għall-konformità mal-mira tal-iskart?

| |
|---|
| |

2. Twettqet analiżi tas-separazzjoni tal-iskart mill-unitajiet domestiċi u ta' skart simili minn oriġini oħra? Iva/Le

3. Jekk intużaw metodi oħra, jekk jogħġbok iddeskrivi:

| |
|---|
| |

4. L-ammonti ta' skart irrapportati fil-parti A kif jirrelataw mal-istatistika dwar l-iskart irrapportata fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])?

| |
|---|
| |

5. Jekk jogħġbok iddeskrivi l-kompożizzjoni u s-sorsi tal-iskart mill-unitajiet domestiċi u ta' skart simili minn oriġini oħra kif xieraq billi timmarka l-kaxxi rilevanti fit-tabella.

| Materjali tal-iskart | Kodiċijiet tal-iskart ([1]) | Iġġenerati minn | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Unitajiet domestiċi | Intrapriżi żgħar | Ristoranti, kantins | Żoni pubbliċi | Ohrajn (jekk jogħġbok speċifika) |
| Karta u kartun | 20 01 01, 15 01 01 | | | | | |
| Metalli | 20 01 40, 15 01 04 | | | | | |
| Plastik | 20 01 39, 15 01 02 | | | | | |
| Ħġieġ | 20 01 02, 15 01 07 | | | | | |
| Skart bijodegradabbli tal-kċejjen u tal-kantins | 20 01 08 | <br>Inkluż il-kompostjar fid-djar? iva/le | | | | |
| Skart bijodegredabbli tal-ġonna u tal-parks | 20 02 01 | <br>Inkluż il-kompostjar fid-djar? iva/le | | | | |
| Skart mhux bijodegredabbli tal-ġonna u tal-parks | 20 02 02, 20 02 03 | | | | | |
| Injam | 20 01 38, 15 01 03 | | | | | |
| Tessuti | 20 01 10, 20 01 11, 15 01 09 | | | | | |
| Batteriji | 20 01 34, 20 01 33* | | | | | |
| Tagħmir mormi | 20 01 21*, 20 01 23*, 20 01 35*, 20 01 36 | | | | | |

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart (ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1).

| Materjali tal-iskart | Kodiċijiet tal-iskart ([1]) | Iġġenerati minn | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Unitajiet domestiċi | Intrapriżi żgħar | Ristoranti, kantins | Żoni pubbliċi | Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) |
| Skart muniċipali ieħor | 20 03 01, 20 03 02, 20 03 07, 15 01 06 | | | | | |
| Skart muniċipali mhux imsemmi hawn fuq (jekk jogħġbok speċifika) | | | | | | |

([1]) Fil-lista tal-kodiċijiet tal-iskart stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3).

6. Għall-metodi tal-kalkolu 1 u 2: Jekk jogħġbok fir-ringieli (a) sa (c) hawn taħt niżżel l-ammonti jew l-ishma rispettivi u l-kodiċijiet tal-iskart għall-kalkolu tal-ġenerazzjoni tal-iskart skont ir-raġunament li ġej:

(a) % ta' karta, metall, plastik, ħġieġ (u, għall-metodu 2, flussi ta' skart uniċi simili) fl-iskart tal-unitajiet domestiċi (u, għall-metodu 2, fi skart simili) iddeterminat permezz ta' analiżi tas-separazzjoni

×

(b) ammont annwali ta' skart tal-unitajiet domestiċi (u, għall-metodu 2, ta' skart simili) iġġenerat

\+

(c) karta, metall, plastik u ħġieġ miġbura separatament (u, għall-metodu 2, flussi ta' skart uniċi simili) mill-unitajiet domestiċi (u, għall-metodu 2, skart simili miġbur separatament minn oriġini oħra) (kodiċijiet tal-iskart 15 01, 20 01)

| | |
|---|---|
| (a) | |
| (b) | |
| (c) | |

7. Kif tinġabar id-*data* dwar il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u dwar ir-riċiklaġġ?

(a) Id-*data* hija bbażata fuq l-input għall-faċilitajiet tat-trattament preliminari (eż. impjant tas-separazzjoni, trattament bijoloġiku mekkaniku)? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-effiċjenza tar-riċiklaġġ:

| |
|---|
| |

(b) Id-*data* hija bbażata fuq l-input fil-proċess ta' riċiklaġġ finali? Iva/Le

(c) Jekk jogħġbok iddeskrivi l-proċess tal-validazzjoni tad-*data*:

8. Kien hemm xi problemi bl-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kalkolu tal-iskart bijodegradabbli? Iva/Le

   Jekk iva, iddeskrivi din/dawn il-problema/i:

9. L-iskart ġie

   (a) kkonsenjat lil Stat Membru ieħor? (Iva/Le)

   (b) esportat barra mill-Unjoni għat-trattament? (Iva/Le)

   Jekk it-tweġiba għal (a) u/jew (b) hija iva, kif ġew derivati, immonitorjati u vvalidati r-rati ta' preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ għal dawk l-ammonti kkonsenjati jew esportati?

C. FORMAT GĦAR-RAPPORTAR TAD-*DATA* DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PUNT (B) TAL-ARTIKOLU 11(2) TAD-DIRETTIVA 2008/98/KE DWAR L-ISKART TAL-KOSTRUZZJONI U TAD-DEMOLIZZJONI

| Metodu tal-kalkolu ([1]) | Skart iġġenerat (t) | Preparazzjoni għall-użu mill-ġdid (t) | Riċiklaġġ (t) | Radam mill-ġdid (t) | Irkupru ta' materjal ieħor ([2]) (t) | Irkupru ta' materjal totali ([3]) (t) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |

([1]) Metodu tal-kalkolu magħżul skont l-Anness II tad-Deċiżjoni 2011/753/UE.
([2]) Dan jinkludi l-irkupru ta' materjal minbarra l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u r-radam mill-ġdid.
([3]) Dan huwa s-somma tal-ammonti rrapportati bħala preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, riċiklaġġ, radam mill-ġdid u rkupru ta' materjal ieħor.

D. FORMAT GĦAR-RAPPORT TA' VERIFIKA TAL-KWALITÀ LI JAKKUMPANJA D-*DATA* MSEMMIJA FIL-PARTI C

## I. Objettiv tar-rapport

L-objettiv ta' dan ir-rapport huwa li tingħabar informazzjoni dwar il-metodu tal-ġbir tad-*data* u l-kopertura tad-*data* ppreżentata. Jenħtieġ li r-rapport jippermetti fehim aħjar tal-approċċi meħuda mill-Istati Membri kif ukoll tal-possibbiltajiet u l-limiti tal-paragunabbiltà tad-*data* bejn il-pajjiżi.

## II. Informazzjoni ġenerali

1. Stat Membru:

2. Organizzazzjoni li qed tippreżenta d-*data* u d-deskrizzjoni:

3. Persuna ta' kuntatt/dettalji ta' kuntatt:

4. Sena ta' referenza:

5. Data ta' konsenja/verżjoni:

## III. Informazzjoni dwar l-iskart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni

